**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 22 ta' Jannar 2025**

Talba Numru: 321/2023 CC

**Alfred Baldacchino [KI 245549 (M)]**

**Adelaide Baldacchino [KI 299751 (M)]**

**Alfred Baldacchino Limited [C-10418]**

**Vs**

**Joseph Borg Grech [KI 262860 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-11 ta' Settembru 2023, fejn l-atturi talbu li dan it-Tribunal jordna u jikkundanna lil konvenut Joseph Borg Grech sabiex iħallas lill-istess atturi s-somma ta' elf ewro (€1000) rappreżentanti somma trasferita lilu mill-kont bankarju tagħhom mingħajr il-kunsens u l-konoxxenza tagħhom.

L-atturi jsostnu li l-konvenut arrikixxa ruħu indebitament b'din is-somma li għaddiet għandu u fil-patrimonju tiegħu mingħajr ebda titolu.

L-atturi jsostnu li din s-somma għaddiet għand il-konvenut permezz ta' trasferiment bankarju nhar l-1 ta' Frar 2022 meta ma teżisti l-ebda relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenut li tiġġustifika dan it-trasferiment, li sar mingħajr l-għarfien tal-atturi.

L-atturi talbu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll tal-ittra uffiċjali numru 2025/2023 u tal-mandat ippreżentat kontestwalment mal-istess ittra uffiċjali. L-atturi talbu wkoll l-interessi bir-rata ta' 8% mid-data tat-trasferiment sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut preżentata fid-9 ta' Ottubru 2023 fejn sostna li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

1. Il-konvenut ma hu bl-ebda mod responsabbli għat-trasferiment bankarju mertu ta' din il-kawża;

2. Mingħajr Preġudizzju għas-suespost il-konvenut ma hux il-leġittimu kontradittur stante illi t-trasferiment bankarju sar minn terza persuna;

3. Mingħajr Preġudizzju għas-suespost it-trasferiment bankarju kien jikkonsisti f'pagamento del terzo li għalih żgur mhux responsabbli l-konvenut.

4. Mingħajr Preġudizzju għas-suespost huwa t-terza persuna li semmai u fl-agħar ipoteżi għandu jwieġeb dwar dan it-trasferiment bankarju.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra u semgħa x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u semgħa it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tagħhom kontra l-konvenut, l-atturi ressqu is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit ta' Alfred Baldacchino,** fejn permezz tal-istess affidavit huwa sostna li huwa wieħed mid-Diretturi ta' Alfred Baldacchino Limited. Sostna li waqt investigazzjoni li saret mill-Office Administrator tal-kumpanija s-Sur David Pulis fuq il-kontijiet bankarji tal-kumpanijiet, l-istess David Pulis kien ġibidlu l-attenzjoni li kien sar pagament mil-kont bankarju tal-kumpanija lejn kont ieħor li jippartjeni lil konvenut Joseph Borg Grech.

   L-Attur Alfred Baldacchino sostna li mir-records tal-kumpanija jirriżulta li f'Jannar tas-sena 2021 huma kienu pprovdew bieb lil konvenut. Sostna wkoll li l-konvenut Joseph Borg Grech qatt ma pprovda xi servizz lill-atturi li tiegħu kellu jitħallas.

   Illi għalhekk fit-22 ta' Mejju 2023 huma kienu ċemplu lil konvenut sabiex jiksbu aktar informazzjoni dwar dan il-pagament li tiegħu ma kellhomx spjegazzjoni. Alfred Baldacchino jsostni li filwaqt li l-konvenut ammetta li kien irċieva s-somma ta' €1000 permezz ta' bank transfer mingħand Alfred Baldacchino Limited, madanakollu huwa ma stabbilixxix raġuni valida għal dan il-pagament. Illi għalhekk kellu jiftaħ din il-kawża.

In kontro-eżami Alfred Baldacchino sostna li l-flus jippartjenu lil kumpanija Alfred Baldacchino Limited. Huwa sostna li ilu madwar ħamsin sena Direttur tal-Kumpanija Alfred Baldacchino Limited.

Alfred Baldacchino sostna li dawk il-flus inħarġu minn Ivan Bajada li dak iż-żmien kien imexxi l-uffiċju. Huwa sostna li Ivan Bajada kellu kollox f'idejh inkluż il-kontijiet bankarji tal-kumpanija. Kien jafdah f'kollox.

Sostna wkoll li l-pagament ta' elf ewro mertu ta' din il-kawża kien għamlu Ivan Bajada għaliex Ivan Bajada biss kien jagħmel pagamenti għan-nom ta' Alfred Baldacchino Limited.

Sostna li lil Ivan Baldacchino qatt ma kellmu fuq dawn il-flus.

Ix-xhud meta ġie mistoqsi: *'Meta qalulek ħarġu flus, ta' Borg Grech biss ħarġu flus jew kien hemm oħrajn?'*

Ix-xhud irrisponda*: ' Naħseb li kien hemm oħrajn ukoll hux.'*

**Ix-xhud sostna li huwa ma ħa l-ebda azzjoni kontra Ivan Bajada**. Ix-xhud sostna li huwa waqqaf lil Ivan Bajada għaliex ma kienx tah rendikont ta' flus li kien ħareġ mill-kont bankarju tal-kumpanija u lanqas ma tahomlu lura.

2. **L-Affidavit ta' Adelaide Baldacchino,** fejn permezz tal-istess affidavit hija sostniet li hija waħda mid-Direttriċi ta' Alfred Baldacchino Limited. Sostniet li waqt investigazzjoni li saret mill-Office Administrator tal-kumpanija s-Sur David Pulis fuq il-kontijiet bankarji tal-kumpanija, l-istess David Pulis kien ġibed l-attenzjoni lil żewġha Alfred Baldacchino li kien sar pagament mil-kont bankarju tal-kumpanija lejn kont ieħor li jippartjeni lil konvenut Joseph Borg Grech.

   L-Attriċi Adelaide Baldacchino sostniet li mir-records tal-kumpanija jirriżulta li f'Jannar tas-sena 2021 huma kienu pprovdew bieb lil konvenut. Sostniet wkoll li l-

konvenut Joseph Borg Grech qatt ma pprovda xi servizz lill-atturi li tiegħu kellu jitħallas.

Illi għalhekk fit-22 ta' Mejju 2023 huma kienu ċemplu lil konvenut sabiex jiksbu aktar informazzjoni dwar dan il-pagament li tiegħu ma kellhomx spjegazzjoni. Filwaqt li l-konvenut ammetta li kien irċieva s-somma ta' €1000 permezz ta' bank transfer mingħand Alfred Baldacchino Limited, madanakollu huwa ma stabbilixxix raġuni valida għal dan il-pagament. Illi għalhekk kellha tiftaħ din il-kawża.

In kontro-eżami Adelaide Baldacchino sostniet li hija minn dejjem kienet Direttriċi tal-Kumpanija Alfred Baldacchino Limited.

Ix-xhud sostniet li dawn il-flus jippartjenu lil Kumpanija Alfred Baldacchino Limited. Ix-xhud sostniet li kienet saret investigazzjoni għaliex l-awditur beda jistaqsihom għaliex ma kienx hemm irċevuti ta' flus li kienu tħallsu. Dawn il-flus kienu tħallsu lil terzi kemm permezz ta' ċekkijiet u anke permezz ta' bank transfer.

Hija sostniet li Ivan Bajada dam jaħdem mal-kumpanija għal madwar erba' snin u nofs u kellu l-uffiċju kollu f'idejh inkluż il-flus. Il-pagamenti kien jagħmilhom Ivan Bajada.

Ix-xhud sostniet li meta Ivan Bajada ġie mistoqsi fuq il-pagament li sar lil konvenut, Ivan Bajada ma kienx tagħhom risposta ħlief li '*imbagħad ngħidlek'*.

Ix-xhud sostniet li huma kienu anke għamlu rapport lil pulizija kontra Ivan Bajada.

3. **L-Affidavit ta' David Pulis,** fejn permezz tiegħu sostna li huwa mpjegat bħala Office Administrator mal-kumpanija Alfred Baldacchino Limited u dan sa mit-28 ta' Jannar 2023. Xogħlu jikkonsisti fiż-żamma tal-accounts, pagi u xogħol tal-uffiċju.

   Sostna li bħala parti minn xogħlu huwa għandu d-dover li jagħmel ir-rikonċiljazzjoni tal-kont bankarju tal-kumpanija miżmum mal-HSBC bin-numru tal-kont 050025196001.

Sostna li waqt din ir-rikonċiljazzjoni ġie a konoxxenza tiegħu pagament ta' €1000 mħallas mil-kumpanija permezz ta' bank transfer lil konvenut Joseph Borg Grech u minħabba li ma sabx dokumenti li jispjegaw ir-raġuni ta' dan il-pagament huwa kien ġibed l-attenzjoni tad-Direttur Alfred Baldacchino dwar dan it-trasferiment.

In kontro-eżami x-xhud David Pulis sostna li din il-kawża qegħda ssir dwar flejjes ta' Alfred Baldacchino Limited. Ix-xhud sostna li huwa ma jafx min kienet il-persuna li għamlet dan il-pagament ta' elf ewro mill-kont bankarju tal-kumpanija Alfred Baldacchino Limited lil konvenut

4. **Lorraine Attard in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc** ippreżentat kopja tal-istatement tal-kont bankarju tas-soċjeta' Alfred Baldacchino li jġib in-numru 050-025196-001 li jkopri l-perjodu ta' bejn it-12 ta' Lulju 2021 u t-30 ta' Diċembru 2022.

   Ix-xhud ikkonfermat pagament li kien sar mill-kont bankarju ta' Alfred Baldacchino Limited fl-1 ta' Frar 2022. Dan il-pagament daħal f'kont bankarju tal-konvenut Joseph Borg Grech. Dan kien outward transfer, li sar permezz ta' HSBCnet SEPA payment u kien mibgħut bl-internet payment minn Adelaide Baldacchino.

Illi sabiex jirribatti t-talba miġjuba fil-konfront tiegħu mill-atturi, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit tal-konvenut Joseph Borg Grech** fejn fih huwa sostna li kellu post li xtaq jikri, liema post jinsab f'165, Triq Annibale, Hal-Lija u dan il-post kien ġie mikri lil Ivan Bajada fil-31 ta' Jannar 2022 (il-kuntratt tal-kera u email fejn fih hemm ikkonfermat li l-kirja ġiet irreġistrata tal-Awtorita' tad-Djar ġew annessi mal-affidavit).

   Dakinhar tal-kuntratt Ivan Pace kien ħallas l-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900). Disa' mitt euro minnhom kienu tħallsu cash, filwaqt li miegħu Ivan Pace kien ħa laptop u kellu wkoll token tal-HSBC u għamel trasferiment għal ġol kont tal-konvenut is-somma ta' elf ewro (€1000). Dakinhar stess Ivan Bajada kien bagħat lil konvenut email bil-proof of payment tal-elf ewro (€1000). (email ġiet annessa mal-affidavit).

Fl-affidavit tiegħu l-konvenut isostni li huwa kien jaf li Ivan Bajada kellu konnessjoni mal-kumpanija Alfred Baldacchino Limited u għalhekk ma ra xejn ħażin mill-fatt illi t-trasferiment kien ġie minn dak il-kont bankarju. Fuq kollox il-ħlas tal-elf ewro (€1000), kien sar quddiemu stess mill-istess Ivan Bajada bit-token u minn fuq il-laptop mingħajr problemi ta' xejn.

Il-konvenut isostni li jekk kien hemm xi problema bejn Ivan Bajada u l-Kumpanija Alfred Baldacchino Limited, huwa ma kienx jaf biha u dawn għandhom isolvuha huma bejniethom u m'għandhomx iżeffnu lilu fin-nofs. Il-konvenut sostna wkoll li l-kuntratt ta' kera eventwalment kien ġie tterminat.

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li huwa ma għandu x'jaqsam xejn ma' Alfred Baldacchino u l-kumpanija tiegħu u li l-kuntratt ta' kera sar bejnu u bejn Ivan Bajada u li l-kumpanija Alfred Baldacchino Limited, Alfred Baldacchino u Adelaide Baldacchino ma jissemmewx f'dan l-istess kuntratt.

Ix-xhud ikkonferma li l-pagament li rċieva jirrappreżenta ħlas tal-kirja mingħand Ivan Bajada. Ix-xhud sostna li huwa nduna li l-ħlasijiet li saru elettronikament saru mill-kont bankarju ta' Alfred Baldacchino Limited meta daħal jiċċekkja fis-sistema.

Ix-xhud ikkonferma li huwa qatt ma pprovda xi servizz lil Alfred Baldacchino Limited.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi l-atturi sejsu t-talba tagħhom fuq l-artikolu 1028A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-artikolu 1028A (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad is-segwenti:

*Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad-dannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna.*

Fl-artikolu 1028A (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad is-segwenti:

*Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in-natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba.*

Fl-artikolu 1028B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad is-segwenti:

*L-actio de in rem verso ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu.*

Illi fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet **Gaming Operations Limited vs Insignia Cards Limited** ingħad is-segwenti:

*"Huwa minnu li l-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ (ara Edward Callus et v. Alfred Galea et deċiża mill-Qorti tal- Appell fil-25 ta' Marzu, 2011).*

*Madankollu, il-liġi ma tieqafx hemm, iżda tipprovdi wkoll taħt l-Artikolu 1028B tal-Kodiċi Ċivili,* ***li l-actio de in rem verso ma tistax tiġi eżerċitata meta min ġarrab it-telf, jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu.*** *Illi saħansitra qabel ma daħal fis-seħħ dan il-provvediment tal-liġi (bis-saħħa tal-Att VIII tal-2007) kien ilu aċċettat u stabbilit mill-ġurisprudenza li tali azzjoni hija mogħtija lill-persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni ex contractu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-23 ta' Ġunju, 2004 fil-kawża fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd. v. Victor Balzan) jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Frar, 2010 fil-kawża fl-ismijiet Christopher Desira v. Gasan Enterprises Ltd).*

*Din l-azzjoni hija msejħa wkoll sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu (ara s-sentenza tal-Prim'Awla*

*tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Marzu, 1955, fil-kawża fl-ismijiet John Seychell v. Emanuele Farrugia - Kollez. Vol: XXXIX.ii.593)* ***jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir*** *(ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Diċembru, 1955 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Zammit v. Giuseppa Farrugia et - Kollez. Vol: XXXIX.ii.787). Rilevanti f'dan is-sens ukoll huma s-sentenzi ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Ottubru, 2005, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Cachia v. Yellow Fun Limited, kif ukoll issentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet Jan Sammut v. Vincent Farrugia et).*

*Fost il-ġurisprudenza li tirreferi għaliha l-appellanti ICL, hemm is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet Martin Chetcuti et v. Rosario Gatt et, li fiha jissemmew ħames elementi li għandhom simultanjament jikkoeżistu sabiex tirnexxi l-actio de in rem verso:*

*«..... jiġi rilevat f'tema ta' dritt illi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1028A u 1028B, kombinati flimkien, jemerġu l-ħames presupposti li jridu simultanjament jikkoeżistu għall-iskop tal-azzjoni de in rem verso, u ċjoè:-*

*i.* *l-arrikkiment;*

*ii.* *id-dannu;*

*iii.* *il-korrelazzjoni bejn id-dannu u l-arrikkiment;*

*iv.* *il-mankanza ta' kawża ġusta;*

*v.* ***il-mankanza ta' azzjoni oħra mil-liġi prevvista****;»"*

Mill-provi jirriżulta b'mod ċar li Ivan Bajada ittradixxa, kiser u abbuża mil-fiduċja għamja li kellhom fih l-atturi Alfred Baldacchino u Adelaide Baldacchino tant li saħansitra kienu fdawlu f'idejh anke t-token tal-HSBC biex ikun jista jamministra u jagħmel il-pagamenti mill-kont bankarju tal-kumpanija Alfred Baldacchino Limited.

Dan wassal sabiex Ivan Bajada minflok ma ħallas lil konvenut is-somma ta' elf ewro (€1000) minn flusu, huwa ħallas is-somma ta' elf ewro minn kont bankarju ta' Alfred Baldacchino Limited meta il-post krieh f'ismu proprju u probabilment sabiex jirrisjedi fih hu.

Illi dan it-Tribunal isostni li mill-provi ma jirriżultax li l-konvenut kien konxju li bl-aġir tiegħu Ivan Bajada kien qiegħed jikser il-fiduċja mogħtija lilu mill-atturi, iqarraq u jinganna lill-istess atturi u addirittura kien qiegħed iwettaq reat kriminali meta ħallsu l-ammont ta' elf ewro (€1000) mill-kont bankarju tal-kumpanija Alfred Baldacchino Limited. Lanqas ma jirriżulta li l-konvenut kien parteċipi u/jew involut f'dan il-qerq u l-ingann soffert mill-atturi.

Dan it-Tribunal isostni li l-atturi ma eżawrixxewx r-rimedji legali kollha li kellhom a disposiżżjoni tagħhom, u għalhekk dak pprovdut fl-Artikolu 1028B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta japplika, ossija illi tali azzjoni, kif proposta fit-talba tagħhom, ma tistax tiġi eżerċitata.

Dan qiegħed jingħad għaliex l-atturi kellhom diversi rimedji legali oħra li setgħu jirrikorru għalihom, b'mod partikolari fil-konfront ta' Ivan Bajada.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jilqa l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, jiċħad it-talba tal-atturi.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mill-atturi.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**